

Il-Kummissjoni Ewropea

# RAPPORT TAL-2020 DWAR L-ISTAT TAD-DRITT

Settembru 2020

## IL-MEKKANIŻMU EWROPEW TAL-ISTAT TAD-DRITT

### PASS PASS

**Jannar-Frar 2020:** Jiġi stabbilit in-Network dwar l-Istat tad-Dritt L-Istati Membri jinnominaw il-punti ta' kuntatt dwar l-istat tad-dritt; l-ewwel laqgħa tan-Network dwar l-Istat tad-Dritt.

**Marzu-Mejju 2020:** L-Istati Membri kkonsultati dwar il-metodoloġija u l-kwestjonarju li abbażi tagħhom aktar tard jipprovdu l-kontribut tagħhom.

**Mejju 2020:** L-Istati Membri u partijiet interessati oħra jippreżentaw kontributi bil-miktub; it-tieni laqgħa tan-Netwerk dwar l-Istat tad-Dritt.

**Mejju-Lulju 2020:** Il-Kummissjoni tagħmel żjarat virtwali fil-pajjiżi.

**Lulju - Settembru 2020:** Il-Kummissjoni tikkompila l-kostatazzjonijiet kollha u tħejji abbozzi ta' kapitli għal kull pajjiż.

**Settembru 2020:** L-Istati Membri jirċievu l-abbozz tal-pajjiż tagħhom biex jipprovdu aġġornament dwar il-fatti.

**IT-30 TA' SETTEMBRU 2020: IL-KUMMISSJONI TIPPREŻENTA L-EWWEL RAPPORT DWAR L-ISTAT TAD-DRITT, LI JINKLUDI 27 KAPITLI DWAR IL-PAJJIŻI**

**Fil-ħarifa 2020: Kooperazzjoni interistituzzjonali** il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jiddiskutu r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt u l-kapitli tal-pajjiżi tiegħu

**Fil-ħarifa 2020: Diskussjoni fil-livell nazzjonali** Parlamenti Nazzjonali, awtoritajiet nazzjonali, partijiet interessati u s-soċjetà ċivili mistiedna jiddiskutu r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, inklużi l-kapitli dwar il-pajjiżi.

**IL-KUMMISSJONI TIBDA TIPPREPARA R-RAPPORT TAL-2021 DWAR L-ISTAT TAD-DRITT, U TIBBAŻA FUQ L-ESPERJENZA MIKSUBA FL-EWWEL SENA TAT- TĦADDIM TAL-MEKKANIŻMU EWROPEW TAL-ISTAT TAD-DRITT**

### Metodoloġija

Ir-rapport u s-27 kapitlu tal-pajjiżi kienu ppreparati abbażi ta' metodoloġija diskussa mal-Istati Membri kollha.

### Kuntatt

In-Network tal-Istati tad-Dritt kien stabbilit biex jgħin fl-istabbiliment ta' qafas ta' kollaborazzjoni u tal-metodoloġija neċessarja biex jitħejja dan ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt In- network jipprovdi kanal kontinwu ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

### Proċess

Matul il-proċess, il-Kummissjoni rċeviet kontributi mill-Istati Membri kollha u minn aktar minn **200 parti interessata**. Saru aktar min **300 laqgħa virtwali** inkluż mal-Istati Membri, mal-partijiet interesati u mas-soċjetà ċivili.

© L-Unjoni Ewropea, 2020
L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata kreditu xieraq u kwalunkwe tibdil ikun indikat (Creative Commons Attribuzzjoni 4.0 Liċenzja Internazzjonali). Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex tal-UE, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.
L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Print ISBN 978-92-76-22525-6 doi:10.2838/237186 DS-04-20-553-MT-C